

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tal-20 ta' Jannar 2021 – CCPL – Consorzio Cooperative di Produzione e Lavoro SC, Coopbox group SpA, Coopbox Eastern s.r.o. vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża C-706/19 P) <sup>(1)</sup>

**(Appell – Artikolu 181 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Kompetizzjoni – Akkordji – Suq tal-ippakkjar tal-ikel intiż għall-bejgħ bl-implant – Appell dirett kontra motivi – Appell manifestament inammissibbli)**

(2021/C 138/17)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

### Partijiet

*Appellant*: CCPL – Consorzio Cooperative di Produzione e Lavoro SC, Coopbox group SpA, Coopbox Eastern s.r.o. (rappreżentanti: inizjalment minn S. Bariatti, E. Cucchiara u A. Cutrupi, avvocati, sussegwentement minn E. Cucchiara, avvocato)

*Parti oħra fil-proċedura*: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn P. Rossi u T. Vecchi, sussegwentement minn P. Rossi, G. Conte u C. Sjödin, aġenti)

### Dispożittiv

1. L-appell huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.
2. CCPL – Consorzio Cooperative di Produzione e Lavoro SC, Coopbox group SpA u Coopbox Eastern s.r.o. huma kkundannati, minbarra għall-ispejjeż rispettivi tagħhom, għal dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠU C 383, 11.11.2019.

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-14 ta' Jannar 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-iSpetsjaliziran Nakazatelen sad – il-Bulgarija) – Proċeduri kriminali kontra UC u TD**

(Kawża C-769/19) <sup>(1)</sup>

**(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Direttiva 2012/13/UE – Dritt għall-informazzjoni fil-kuntest tal-proċeduri kriminali – Artikolu 6 – Dritt tas-suspettati jew tal-persuni akkużati li jkunu informati bid-drittijiet tagħhom – It-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Trattament ta' kawża fi żmien raġjonevoli – Leġislazzjoni nazzjonali li tippredvi l-għeluq tal-proċedura ġudizzjarja fil-każ ta' difett proċedurali fl-att ta' akkuża kkonstatat mill-qorti – Rinviju tal-kawża quddiem il-prosekutur għall-finijiet tat-tfassil ta' att ta' akkuża ġdid – Ammissibbiltà)**

(2021/C 138/18)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

### Qorti tar-rinviju

Spetsjaliziran Nakazatelen sad

### Partijiet fil-kawża prinċipali

UC u TD

*fil-preżenza tal-:iSpetsjalizirana prokuratura*

### **Dispożittiv**

L-Artikolu 6(1), (3) u (4) tad-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali, it-tieni paragrafu tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea kif ukoll il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni u d-dritt għar-rispett tad-dinjità tal-bniedem għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li, meta l-att ta' akkuża jkun irregolari (jiġifieri l-kontenut tiegħu ma jkunx ċar, ma jkunx komplet jew ikun kontradittorju), fl-ebda każ ma tippermetti li din l-irregolarità tiġi rrimedjata permezz ta' korrezzjoni mill-prosekutur fil-kuntest tas-seduta quddiem il-qorti li matulha tkun ġiet ikkonstatata din l-irregolarità, u minflok tobbliġa lill-qorti sabiex f'kull każ twaqqaf il-proċedura ġudizzjarja u tibgħat il-każ lura quddiem il-prosekutur sabiex jifassal att ta' akkuża ġdid.

(<sup>1</sup>) ĠU C 27, 27.01.2020.

---

### **Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tal-14 ta' Jannar 2021 *Camelia Manéa vs Iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea***

**(Kawża C-892/19 P) (<sup>1</sup>)**

**(Appell – Artikolu 181 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Servizz pubbliku – Membru tal-persunal temporanju – Kuntratt għal żmien determinat – Deċiżjoni ta' nuqqas ta' tiġdid tal-kuntratt – Irtirar tad-deċiżjoni u adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida ta' nuqqas ta' tiġdid li tidħol fis-seħħ fid-data tal-ewwel deċiżjoni – Rikors għal annullament u għad-danni – Appell parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat)**

(2021/C 138/19)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### **Partijiet**

*Appellant*: Camelia Manéa (rappreżentant: M.-A. Lucas, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura*: Iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Garnier u J. Rikkert, aġenti, assistiti minn B. Wägenbaur, avukat)

### **Dispożittiv**

1. L-appell huwa miċħud bħala parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat.
2. Camelia Manéa hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 161, 11.05.2020.